# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 71/97Gozo

Frank u Victoria Konjugi Haber
vs
L-Onorevoli Prim Ministru u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

Illum 28 ta' Frar, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fil-10 ta' Marzu 1993 ir-rikorrenti sofrew ingustizzja lampanti billi minkejja l-fatt li l-Kummissarju ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzja laqa' tt-talba tar-rikorrenti Frank Haber u ddikjarat li huwa sofra ingustizzja il-Prim Ministru baqa' ma mplimentax ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji.

Il-fatti li taw lok ghal din l-ingustizzja kienu s-segwenti.

Illi r-rikorrenti dahal jahdem mal-Gvern bhala "Labourer" jigi maghzul Carpenter flimkien ma ohrajn wara li harget sejha ghall-applikazzjonijiet.

Illi minkejja l-fatt illi hu ghandu s-sengha ta' Carpenter u li anke matul il-perjodu li kien ingaggat mal-Pijunieri hu kien jithallas anke tas-sengha ta' Carpenter meta saret l-ghazla hu ma ntaghzilx.

Illi billi deherlu li din kienet ingustizzja, ir-rikorrenti ma kellux haga ohra x'jaghmel hlief li jmur quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji.

Illi hu deher quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji fil-15 ta' Dicembru 1988 wara tahrika biex hemm jidher (Dok B) u dan wara tnax il-xahar mill-applikazzjoni tieghu Dok C.

Illi wara ittra tieghu dwar dewmien mill-Kummissjoni msemmija Dok C hu rcieva ittra li l-kaz qieghed jigi investigat u fil-fatt ircieva d-decizjoni tal-Kummissjoni b'ittra datata 22 ta' Lulju 1992. Dok E anness li nfurmatu li l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji ddecidiet li skond it-termini tal-Att XV tal-1987 l-ilment tieghu hu gustifikant.

Illi permezz ta' ittra datata 10 ta' Marzu 1993 mahruga mill-Ufficcju tal-Prim Ministru r-rikorrenti gie nfurmat li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma qablitx mal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u per konsegwenza r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji ma setghetx tigi mplimentata. Dok F.

Illi permezz ta' ittra datata 8 ta' April 1993 ir-rikorrent nforma lis-Sur J. Curmi tat-Taqsima Amministrazzjoni Ufficcju tal-Prim Ministru li l-mastrudaxxi li ntaghzlu skond l-OPM Circular 5/87 ma kellhom l-ebda licenzja filwaqt li hu kellu Certifikat li ha wara kors fil-Woodwork u baghat kopja tieghu u per konsegwenza hass li ghandu jappella mid-decizjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi ghall-ittra Dok G ircieva risposta mis-Sur Piccinino fl-Ufficcju tal-Prim Ministru permezz ta' ittra datata 16 ta' April 1993 (Dok H) fejn gie nfurmat li minn dawk li ntghazlu hadd ma hu mastrudaxxa u li m'hemmx aktar azzjoni x'tittiehed mill-Ufficcju tal-Prim Ministru dwar dan il-kaz.

Illi r-rikorrent deherlu li ma ghandux jorqod fuq din l-ittra (Dok H) u rega kiteb lill-Ufficcju tal-Prim Ministru ghall-informazzjoni dwar min jista jiehu azzjoni biex l-ilment tieghu ma jibqax biss gustifikat fuq il-karti imma jigi rimedjat konkretament.

Illi fir-risposta li taw tal-OPM ghal din l-ittra tar-rikorrenti Dok I huma gharrfu li ghalkemm il-Kummissjoni sabet l-ilment tieghu gustifikat u rrakkomandat li jinghata l-hatra ta' mastrudaxxa mill-1 ta' Ottubru 1987, biex haga bhal din setghet issehh, riedet taghmel ukoll rakkomandazzjoni taghha, ghal dan il-ghan il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u regghu qalulu li r-rakomandazzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji fil-kaz tieghu ma setghetx tigi mplimentata - Dok J.

Illi b'ittra ohra tas-27 ta' Lulju 1993 is-Segretarju Privat tal-Prim Ministru, nforma lir-rikorrenti li biex wiehed jiehu xi hatra mal-Gvern, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku trid taghmel rakkomandazzjoni fil-kaz tieghu u l-Prim Ministru ma setghax imur kontra d-decizjoni tal-kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku Dok K.

Illi sussegwentement r-rikorrent kiteb lill-Eccellenza tieghu l-President ta' Malta dwar il-kaz tieghu.  Il-President irrefera l-ittra lill-Prim Ministru.  Il-Prim Ministru rega kiteb lir-rikorrenti li jissobih li m'ghandux aktar xi jzid ma dak li diga qallu qabel Dok L,M,N.

Illi r-rikorrent Frank Haber minhabba din l-ingustizzja li saritlu baqa' Group A u gie mcahhad mic-cans li javvanza peress li bosta cansijiet ta' promotions biex tapplika ghalihom wiehed irid ikun fi Grupp D.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti filwaqt li rriservaw li jgibu l-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment taghhom skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jilqa' t-talba taghhom u konsegwentament jinghataw rimedju skond il-ligi, kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun xieraq u gust u ghal dan l-iskop ir-rikorrenti Frank Haber talab li jinghata l-post ta' mastrudaxxa fid-Dipartiment tal-Water Works jew alternattivament jekk l-istess rimedju mhuwiex possibbli u jew li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal u dana that dawk il-provvedimenti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

1. Illi fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita' ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju jinghad li fis-16 ta' Jannar 1987 kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-gradi industrijali B,C u

D fid-Dipartiment tax-Xogholijiet u li r-rikorrent kien applika ghall-post ta' Mastrudaxxa.

3. Illi mir-rapport tal-Bord tal-Ghazla fil-kaz ta' Mastrudaxxa, jidher li r-rikorrent kien gab total ta' 76 marka u gie fis-sitt post.

4. Illi jirrizulta li f'Awwissu tal-1988 il-Kummissjoni kienet iddecidiet li ma tappruvax ir-rapporti tal-Bordijiet ta' l-Ghazla bl-eccezzjoni ta' dawk il-kazi fejn l-applikanti kien mehtieg li jkollhom licenzja. Fost ir-rapporti li gew imwarrba kien hemm dak dwar il-grad ta' Mastrudaxxa.

5. Illi kopja tar-Rapport tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji, bid-data tat-8 ta' Lulju 1992, li jinkludi l-ilment tas-Sur Frank Haber, gie referit lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mill-Ufficcju tal-Prim Ministru f'Dicembru ta' l-1992.

6. Illi wara li l-Kummissjoni iddiskutiet il-merti tal-kaz u fid-dawl tad-decizjoni precedenti taghha li ma tappruvax ir-rapport tal-Bord tal-Ghazla iddecidiet li ma tistax taccetta r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji.

7. Illi l-allegazzjonijiet u l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent m'ghandhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kummissjoni u din ma taf xejn dwarhom.

Ra r-risposta tal-Prim Ministru li eccepixxa:

Illi stante li dwar il-kaz tar-rikorrent diga saret investigazzjoni mill-Kummissjoni imwaqqfa taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzjim il-konsiderazzjoni ta' dan l-ilment taqa' barra s-setghat ta' dan it-Tribunal fit-termini ta' l-Artikolu 6(2) ta' l-Att VII ta' l-1997.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dwar l-allegati fatti fir-rikors hu ghandu xi jghid is-segwenti.

Illi r-rikorrenti kien ressaq ilment quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghaliex hass li kien gie mcahhad minn hatra ta' **Carpenter** wara li kien applika ghas-sejha ghall-applikazzjonijiet li saret permezz ta' **OPM Circular 5/87**.

Illi l-Kummissjoni kienet iddecidiet li l-ilment kien gustifikat u rrakkomandat li r-rikorrent jinghata l-hatra ta' **Carpenter** b'sehh mill-1 t'Ottubru 1987 liema rakkomandazzjoni kienet accettata mill-Prim Ministru ta' dak iz-zmien.

Illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li kellha l-mansjoni Kostituzzjonali li tirrakkomanda l-hatra tar-rikorrent skond kif irrakkomandat il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji irrakomandat lill-Prim Ministru kontra l-implimentazzjoni ta' din id-decizjoni.

Illi ghar-rigward ta' **OPM Circular 5/87** li kienet tikkoncerna l-mili ta' postijiet f'diversi snajja il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet irrakkomandat li jinhatru dawk biss li nstabu tajba u kellhom il-licenzja mehtiega. Fil-fatt kienu sitt applikanti biss li hadu l-hatra permezz t' din is-sejha: tlieta ta' **Engine Driver** u tlieta ohra dik ta' **Electrician**. Hadd ma gie mahtur **Carpenter**.

Ghaldaqstant l-intimat talab li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikkonferma l-fatti imsemmija fir-rikors. Vincent Piccinino li jahdem fil-Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru xehed li mhux il-Prim Ministru ma ffirmax il-hatra tas-Sur Haber bhala mastrudaxxa izda kienet il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li m'ghamlitx ir-rakkomandazzjoni taghha sabiex il-Prim Ministru jiffirma l-hatra msemmija. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet

ghamlet ir-rakkomandazzjoni taghha fil-konfront ta' sitta minn nies biss. Qal illi minn dawn tlieta kienu engine drivers u t-tlieta l-ohra electricians.

George Cordina, Frank Mercieca, u Carmel Gatt ikkonfermaw ix-xhieda li kienu taw quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Ikkunsidra li fl-ewwel lok il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku eccepiet li fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita' ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

Fil-kawza fl-ismijiet "John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha" deciza fis-7 ta' Mejju, 1998 dan it-Tribunal qal:

"Illi l-intimat qieghed isostni li l-applikazzjonijiet gew processati mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u ghalhekk id-Dipartiment tas-Sahha ma kellu ebda prerogattiva. Sostna li d-dokumenti kollha ma humiex sindakabbli a tenur ta' l-Artiklu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Sostna li ebda Qorti ma tista' tezamina l-procedura li intuzghat sabiex inghatat tali promozzjoni. Ikkwota l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi:

Il-kwistjoni jekk -

(a) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni;

(b) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita' ohra tkun qdiet validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, ufficjal pubbliku jew awtorita' bis-sahha tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 110 ta' din il-Kostituzzjoni; jew

(c) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita' ohra tkun qdiet validament xi funzjoni ohra dwar ix-xoghol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bhal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan,

ma ghandiex tigi ezaminata minn ebda Qorti.

Sostna li d-Dipartiment tas-Sahha ma jiehu l-ebda decizzjoni rigward hatriet jew promozzjonijiet fi hdan id-Dipartiment tas-Sahha. Kull ma jaghmel hu li jfassal is-sejha ghall-applikazzjonijiet [li trid tigi approvata Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku], jirrakkomanda nies sabiex jkunu jaghmlu parti mill-Bord ta' l-Ghazla liema decizzjonijiet jistghu jigu varjati mill-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal certament jaqbel u hu obbligat isegwi dak li jghid l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni hija "sacra" u certament ma tista' ebda Qorti tmur kontra taghha. Izda ir-ragunar ta' l-intimat mhux koerenti ma' l-Att VIII tal-1997. Fl-

artikolu 2 ta' l-Att il-ligi taghti definizzjoni ta' "persuna aggravata". L-artikolu 6 jitkellem dwar is-setghat tat-Tribunal u jghid hekk:

6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Ghalhekk persuna aggravata li tkun sofriet ingustizzja matul il-perijodu preskritt skond l-artikolu 5 (4) ghandha d-dritt titlob ir-rimedju lit-Tribunal. Fost il-kazijiet li jintitolaw persuna aggravata li titlob rimedju mit-Tribunal hemm dawk relattivi ghal hatriet u

promozzjonijiet. Meta wiehed jaqra l-artikolu 5 (2) bil-fors li jasal ghall-konkluzzjoni li l-azzjoni tista' titmexxa kontra kull Dipartiment tal-Gvern jew awtorita' ohra tal-Gvern. L-artikolu 7 (9) (b) jghid li biex jasal ghad-decizzjoni jekk ilment ikunx gustifikat, it-Tribunal ghandu jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode.

Issa fl-Att VIII tal-1997 imkien ma insibu li impjegat governattiv li jsofri ingustizzja dwar hatra jew promozzjoni ma jistax jippromwovi rikors quddiem it-Tribunal. Lanqas imkien ma nsibu li l-persuna aggravata minhabba nuqqas ta' hatra jew promozzjoni trid tistitwixxi l-proceduri kontra l-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku. Li kieku l-legislatur ried hekk kien jghid dan - “Ubi lex voluit, dixit”. Meta t-Tribunal jezamina talba dwar allegata ingustizzja relattiva ghal hatra jew promozzjoni ta' impjegat governattiv, dan ma jkunx qieghed b'ebda mod jezamina jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni. Tant kemm hu hekk li dan it-Tribunal mhu sejjer qatt jazzarda jghid li xi hatra jew promozzjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhix valida. Izda dan ma jeskludix li bhala rizultat ta' tali hatra jew promozzjoni ma jistax ikun hemm minn ibaghti ingustizzja. Hu ghalhekk li dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jindaga dwar allegati ingustizzji.

Interessanti ukoll hu dak li jghid l-artikolu 5 (3) u cioe':

(3) (a) Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.
Fl-Ewwel Skeda - Taqsima A ma hemmx imnizzla l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Din tissemma fl-artikolu 5 (3) (b) li taghmel referenza ghat-Taqsima B.

Ta' min josserva li meta fil-kaz ta' hatra jew promozzjoni t-Tribunal jilqa' talba u jistabbilixxi li saret ingustizzja, ir-rakkomandazzjoni ghall-implimentazzjoni tad-decizzjoni ma ssirx lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 7 (11) jsemmi li jkun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal. Importanti wkoll hi li l-istess Kostituzzjoni fl-artikolu 110 (1) issemmi li s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi… tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 112 (1) tal-Kostituzzjoni jsemmi li:
"Is-setgha li jaghmel hatriet bi trasferiment lil u mill-karigi li ghalihom dan l-artikolu jghodd tkun fil-Prim Ministru li jagixxi wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:"

Illi ghalhekk jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi fl-ewwel eccezzjoni l-Onor Prim Ministru eccepixxa li dwar il-kaz tar-rikorrent diga saret investigazzjoni mill-Kummissjoni imwaqqfa taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji il-

konsiderazzjoni ta' dan l-ilment taqa' barra s-setghat ta' dan it-Tribunal fit-termini ta' l-Artikolu 6(2) ta' l-Att VII ta' l-1997.

Din l-eccezzjoni hi bazata fuq l-artikolu 6 (2) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid hekk:

**6.** (2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, it-Tribunal ma ghandux jaccetta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l-artikolu f'kull kaz fejn ikun gie investigat ilment dwaru quddiem il-Kummissjoni mwaqqfa taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji jew li dwaru jkun tressaq kaz quddiem xi Qorti.

Issa fil-kawza fl-ismijiet " John Debono vs Direttur Generali MPO deciza fl-1 ta' Dicembru, 1998, it-Tribunal qal:

"Izda r-rikorrent jikkontendi li huwa n-nuqqas ta' l-implikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni fihom infushom jammontaw ghal ingustizzja u li hu mhux qieghed ireassaq l-istess kaz. It-talba quddiem it-Tribunbal hija ghall-implimentazzjoni tad-decizzjonijiet tal-Kummissjoni, u mhux biex il-kaz li gara qabel jerga jigi ezaminat.

Ikkunsidra li l-ilment tal-intimat hu bazat fuq in-nuqqas tal-implimentazzjoni tad-decizzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji liema fatt gara matul iz-zmien

li jirreferi ghalih l-Att VIII. Ghalhekk l-esami ta' l-ilment ma jmurx "ultra vires". Ukoll il-ligi tirrikjedi li t-Tribunal ma jaccettax li jezercita s-setghat tieghu f'kull kaz fejn ikun gie investigat ilment. F'dan il-kaz l-ilment li d-decizzjoni tal-Kummissjoni ma gietx implimentata ma giex investigat izda kien l-ilment originali li kien gie investigat. Ghalhekk jichad din l-eccezzjoni."

Ara wkoll fl-istess sens Joseph Masini vs Direttur tal-Ezamijiet deciza 18 ta' Novembru, 1999, Philip Abdilla vs Prim Ministru 23 ta' Novembru, 1999, u Joseph Camilleri vs Chairman Korporazzjoni Enemalta et deciza 1 ta' Gunju 2000.

Ghal dawn il-motivi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Prim Ministru.

Illi l-bqija tal-eccezzjonijiet huma referibbli ghall-meritu tal-kaz. Dan it-Tribunal ghamilha cara hafna drabi li hu bil-fors ikollu joqghod fuq decizzjonijiet tal-Qrati u tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzja u ma jarax ghaliex ghandu jerga jidhol fil-meritu sakemm ma johorgux ragunijiet eccezzjonali li fil-kaz in ezami ma jirrizultawx. Ghalhekk ihoss l-ilment gustifikat.

Ghal dawn il-motivi jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-hatra ta' Carpenter (Group D) in segwitu tac-Cirkolari OPM 5/87 b'effett mill-1 ta' Ottubru, 1987

u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.